# L-GĦID IT-TAJJEB!

X'inhi t-tifsira tal-Għid? X'sentimenti għandna nħossu f'dal-jum?



Irridu nifirħu bil-figolla u l-bajda tal-Għid. Fl-istess ħin immorru 'l hemm minnhom u nagħmlu esperjenza ta' ferħ kbir għaliex Kristu, il-biedem twajjeb li wera t-triq għadu ħaj u preżenti magħna llum fi żmienna. L-Għid huwa l-mogħdija ta' Kristu mill-mewt għall-ħajja. L-Għid għalina huwa mixja kontinwa li fiha nkunu mqabbdin f'id daK li jimxi quddiemna u jimxi maġenbna. L-Għid ta' Kristu huwa l-Għid tagħna lkoll. Il-qawmien ta' Kristu jagħtina s-saħħa, il-qawwa u t-tama li aħna wkoll għad inqumu miegħu.

Kristu qam mill-imwiet u aħna nqumu miegħu. Ejjew ngħixu l-qawmien billi nħallu l-imħabba, is-sliem u l-għaqda jinbtu u joktru fl-ambjenti tagħna. Nitolbu sabiex l-Għid jasal għand dawk li qed jistennew il-ġustizzja u l-waqfien tal-ġlied mill-gwerer qerrieda. Fejn hemm l-ispirtu tal-vendetta, ejjew inqajmu l-ħajja tal-maħfra.

Mulej agħtina li ngħixu l-Għid matul is-sena kollha billi nagħrfu li Kristu l-Ħaj huwa dejjem magħna. Kristu Rxoxt ibqa' magħna.

L-Għid it-tajjeb lil kulħadd!

***L-Arċipriet***

**ENGLISH CORNER**

Alleluia, alleluia.
Christ, our paschal lamb, has been sacrificed;
Let us then feast with joy in the Lord.
Alleluia, alleluia.

Happy and Blessed Easter everyone!

**AVVIŻI:**
Fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira tibda n-novena tal-Ħniena Divina.

**GĦOTI TAD-DEMM:** il-Berġa tax-Xewkija se tkun disponibbli għall-għoti tad-demm nhar it-Tlieta 19 t'April mis-1:00pm sal-5:00pm.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 20 t'April, fil-Knisja Bażilika u tibda fis-5:45pm. Fiha Fr Eddie Vella mill-Għarb se jaqsam magħna l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive.*

**ĠABRA GĦAS-SEMINARJU MAĠĠURI:** se ssir ġabra djoċesana fil-knejjes kollha għas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex nhar is-Sibt 23 u l-Ħadd 24 t'April (Ħadd il-Ħniena Divina). Din qed tieħu post il-ġbir li kien isir waqt l-eżerċizzi tar-Randan. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** se torganizza BBQ nhar is-Sibt 23 t'April fit-8:00pm fis-Sala Parrokkjali. Min hu interessat jista' jikkuntattja lil Eucharist Camilleri fuq 79090916 jew lil Raymond Vella fuq 79553543. Il-prezz huwa €15 għall-kbar u €10 għat-tfal.

**ĠURNATA TA' SPIRITWALITÀ F'KEMMUNA:** nhar il-Ħadd 24 t'April. Imexxi Dun Ġużepp Attard. Tluq fit-8:30am minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali u niġu lura fit-3:00pm. Tista' tara l-programm fuq in-noticeboard tal-knisja jew fuq Facebook. Għal aktar informazzjoni tistgħu tkellmu wkoll lil Dun Ġużepp fuq 99847099, lil Ġuża Sammut u Tonina Sammut. Il-prezz tal-lanċa huwa ta' €10.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li l-ikla tal-Għid organizzata mill-għaqda se tiġi trasferita għall-Ħamis 29 t'April. Aktar dettalji 'l quddiem.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am